MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2011

Numru. 957/2011

Il-Pulizija
(Sp Sandra Zammit)
vs
Kasin Silla, iben Zaccaria, imwieled il-Mali fl-1 ta’ Jannar, 1984, Karta ta’ l-Identita numru 66623A

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fit-18 ta’ Awwissu, 2011 għal ħabta tal-11.30 a.m. ġewwa Triq L-Iljun, Ħal-Qormi għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS772 Dennis Agius, PS1585 James Weatherill u PC244 Stephen Farrugia li huma membri tal-Korp tal-Pulizija u li huma nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jaġixxu għall-eekuzzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita’ kompetenti;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ikkaġuna lill-istess PS772 Dennis Agius, PS1585 James Weatherill u PC244 Stephen Farrugia feriti ta' natura ħafifa;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ikkaġuna ħsara volontarja fuq l-uniformi tas-servizz ta' l-istess PS772 Dennis Agius u PS1585 James Weatherill;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS772 Dennis Agius, PS1585 James Weatherill u PC244 Stephen Farrugia li huma membri tal-Korp tal-Pulizija u li huma nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrezista l-arrest minn PS772 Dennis Agius, PS1585 James Weatherill u PC244 Stephen Farrugia li huma membri tal-Korp tal-Pulizija u li huma nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb għal Raymond Ebejer sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;
7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ikkaġuna ġrieħi ħfief lil Raymond Ebejer;
8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħebb għal Michael Charles Buttigieg sabiex jiġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara;
9. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ikkaġuna ġreiħi ħfief lil Michael Charles Buttigeg;
10. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna lil Raymond Ebejer biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu;
11. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna lil Michael Charles Buttigieg biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu;
12. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi hedded u insolenta bil-fomm lil Raymond Ebejer;

13. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied;
14. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi qal kliem oxen fil-pubbliku.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Awwissu, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 96, 221(1), 251A, 325(1)(d), 338(bb)(dd)(ee) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------